



Brussell, 7 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

17113/25

ECOFIN 1798  
FIN 1596  
RELEX 1722  
COEST 923  
*ECB*

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 329(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talbiet magħmula mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Renju tad-Danimarka, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mir-Repubblika tal-Estonja, mill-Irlanda, mir-Repubblika Ellenika, mir-Renju ta' Spanja, mir-Repubblika Franċiża, mir-Repubblika tal-Kroazja, mir-Repubblika tal-Italja, mir-Repubblika ta' Ċipru, mir-Repubblika tal-Latvja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, minn Malta, mir-Renju tan-Netherlands, mir-Repubblika tal-Awstrija, mir-Repubblika tal-Polonja, mir-Repubblika Portugiża, mir-Rumanija, mir-Repubblika tas-Slovenja, mir-Repubblika tal-Finlandja u mir-Renju tal-Iżvezja,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Ġurnal Uffiċjali C, ..., ELI: ...

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna, u l-forzi armati tar-Russja bdew aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Dik il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja hija ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, tas-sovranità u tal-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll ksur tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza stabbilita fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li hija regola perentorja tad-dritt internazzjonali, u tal-prinċipji l-oħrajn ta' dik il-Karta.

- (2) Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw appoġġ mingħajr preċedent għar-reżiljenza ekonomika, soċjali, finanzjarja u tad-difiża tal-Ukrajna. Dak l-appoġġ jgħaqqad l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' assistenza makrofinanzjarja f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-Assistenza Makrofinanzjarja +)<sup>2</sup>, il-Faċilità għall-Ukrajna f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, u permezz ta' appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, iggarantiti bis-sħiħ jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ finanzjarju ulterjuri mill-Istati Membri.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2463/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L, 2024/2773, 28.10.2024 p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2773/oj>).

- (3) Fid-9 ta' Settembru 2025, l-Ukrajna ppreżentat talba uffiċjali lill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) għal programm ġdid sabiex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali tagħha għall-perjodu mill-2026 sal-2029. Dak il-programm, jekk jiġi implimentat, ser jiġi wara l-implimentazzjoni b'suċċess tal-programm eżistenti tal-FMI, li f'konformità miegħu, l-Ukrajna lestiet tmien rieżamijiet, filwaqt li jqis il-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-kapaċità tal-FMI li jipproċedi bil-programm il-ġdid hija kontinġenti fuq il-kisba ta' aċċertamenti ta' finanzjament suffiċjenti minn sħab oħrajn, inkluża l-Unjoni.
- (4) Fit-23 ta' Ottubru 2025, 26 Stat Membru ħadu impenn li jindirizzaw il-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-perjodu mill-2026 sal-2027, inkluż dawk relatati mall-isforzi militari u tad-difiża tagħha. Dawk l-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa kritika li jiżguraw li l-Ukrajna tibqa' reżiljenti u għandha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u tennew mill-ġdid li l-Unjoni ser tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u ma' alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Dawk l-Istati Membri kkonkludew ukoll li l-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna ser jiġu pprovduti b'mod li jirrispetta bis-sħiħ il-politiki ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u li jqisu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha. Is-26 Stat Membru ftiehmew wkoll li, soġġett għad-dritt tal-Unjoni, l-assi tar-Russja jenħtieġ li jibqgħu immobilizzati sakemm ir-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkumpensa l-Ukrajna għad-dannu kkawżat mill-gwerra tagħha, u stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta għażliet għal appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna. Fl-istess data, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha għas-sigurtà Ewropea u globali f'ambjent li l-ħin kollu jinbidel jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni.

- (5) Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Ukrajna tirrikjedi li l-iżborż tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni jsir mhux aktar tard mit-tieni trimestru tal-2026. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni ppreżentat fit-3 ta' Diċembru 2025 pakkett ta' proposti, inkluża proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi s-Self għall-Ukrajna għar-Reparazzjonijiet u proposta għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>5</sup>. Meħuda flimkien, dawk il-proposti offrew żewġ għażliet biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-perjodu mill-2026 sal-2027. Il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 saret sabiex tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-appropriazzjonijiet neċessarji fil-baġit tal-Unjoni għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit f'dak ir-Regolament. Fin-nuqqas li ssir dik l-emenda, l-obbligazzjonijiet kontinġenti li ġejjin mis-Self għall-Ukrajna għar-Reparazzjonijiet kellhom jiġu appoġġata minn garanziji li għandhom jingħataw mill-Istati Membri fuq bażi volontarja.
- (6) Fit-12 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/2600<sup>6</sup>, li kien parti wkoll mill-pakkett tal-proposti li ġew ippreżentati mill-Kummissjoni fit-3 ta' Diċembru 2025.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/2600 tat-12 ta' Diċembru 2025 dwar miżuri ta' emerġenza li jindirizzaw id-diffikultajiet ekonomiċi serji kkawżati mill-azzjonijiet tar-Russja fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna (ĠU L, 2025/2600, 13.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2600/oj>).

- (7) Wara l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-pakkett ta' proposti dwar l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna, saru konsultazzjonijiet intensivi fil-Kunsill dwar l-elementi ta' dak il-pakkett, b'mod partikolari l-proposta għal regolament li jstabilixxi s-Self għall-Ukrajna għar-Reparazzjonijiet, u l-proposta għal regolament dwar l-emendar tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093. Minn dawk il-konsultazzjonijiet deher li l-emendar tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 sabiex jippermetti li l-obbligazzjonijiet kontinġenti marbuta mal-appoġġ lill-Ukrajna jiġu appoġġati billi jiġu mobbilizzati l-approprijazzjonijiet neċessarji mill-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali kienet element importanti għal xi Stati Membri u kundizzjoni tal-appoġġ tagħhom għas-Self għall-Ukrajna għar-Reparazzjonijiet. Madankollu, ċerti Stati Membri qağħdu lura milli jappoġġaw in-nefqa possibbli li tirriżulta minn tali approprijazzjonijiet u l-obbligazzjonijiet kontinġenti konnessi ma' dak is-self.
- (8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Ewropew qabel li jagħti self lill-Ukrajna ta' EUR 90 biljun għas-snin 2026 sal-2027 abbażi ta' self tal-Unjoni fis-swieq kapitali appoġġat mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-Unjoni. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew stabbilixxu wkoll li permezz ta' kooperazzjoni msaħħa f'konformità mal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) fir-rigward ta' strument ibbażat fuq l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kwalunkwe mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni bħala garanzija għal dak is-self mhix ser ikollha impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Repubblika Ċeka, tal-Ungerija jew tas-Slovakkja.

- (9) Wara t-3 ta' Diċembru 2025, il-korpi preparatorji tal-Kunsill, inkluż il-Coreper, iltaqgħu f'diversi okkażjonijiet bl-għan li jaqblu dwar is-sett ta' atti proposti mill-Kummissjoni, inkluża l-proposta għal regolament li jstabilixxi s-Self għall-Ukrajna għar-Reparazzjonijiet u l-proposta għal regolament li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Coreper irrikonoxxa l-impossibbiltà li jintlaħaq l-oġettiv tas-self fi żmien raġonevoli permezz tal-pakkett propost tal-Kummissjoni ta' atti leġislattivi u legali li jinvolvu l-Unjoni kollha kemm hi. Dik il-valutazzjoni ikkunsidrat il-ħtieġa urġenti għal assistenza finanzjarja lill-Ukrajna. Hija stabbiliet ukoll li strument li jipprova self lill-Ukrajna, u l-emendi għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li tali strument jkun jeħtieġ, jistgħu jiġu miftiehma biss, bħala l-aħħar alternattiva, permezz tal-kombinazzjoni ta' ftehimiet unanimi dwar il-proposta għal regolament li jemenda dak ir-Regolament u deċiżjoni li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabiliment tas-self għall-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 212 tat-TFUE, filwaqt li n-nefqa li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dak l-att, apparti l-kostijiet amministrattivi għall-istituzzjonijiet, tiġġarrab mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 332 tat-TFUE.

- (10) Fl-20 ta' Diċembru 2025, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Italja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja indirizzaw ittra konġunta lill-Kummissjoni li fiha talbuha tippreżenta proposta lill-Kunsill għal deċiżjoni li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa bl-objettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha li tipprovdli self lill-Ukrajna ta' EUR 90 biljun għas-snin 2026 sal-2027 abbażi ta' self tal-UE fis-swieq kapitali appoġġat mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE billi jingħata effett lill-paragrafi 3 u 4 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (EUCO 24/25) kif ukoll lill-paragrafu 8 tat-test dwar l-Ukrajna appoġġat b'mod qawwi minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern (EUCO 26/25).
- (11) L-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 212 tat-TFUE mhijiex kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(1) tat-TFUE. L-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-Ukrajna permezz ta' kooperazzjoni msaħħa f'konformità mal-modalitajiet previsti mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2025 għalhekk jaqa' fil-qafas tal-kompetenza mhux esklużiva tal-Unjoni.

- (12) Il-kooperazzjoni msaħħa awtorizzata b'din id-Deċiżjoni tappoġġa diversi objettivi li ser isaħħu l-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 20(1) tat-TUE. L-ewwel nett, l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-Ukrajna jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE, b'mod partikolari għall-paċi u s-sigurtà fl-Unjoni u fid-dinja, kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażat, fost l-oħrajn, fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet. L-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna ttaffi l-effetti tal-azzjonijiet tar-Russja fuq is-sigurtà u fuq l-ekonomija tal-Unjoni u tal-viċinat tagħha. It-telfa tal-Ukrajna żżid ir-riskju ta' aggressjoni mir-Russja kontra xi wieħed mill-Istati Membri jew pajjiż fil-viċinat tal-Ukrajna, inklużi l-pajjiżi kandidati, u għandha riperkussjonijiet diretti u indiretti fuq is-sigurtà u s-sitwazzjoni ekonomika fl-Unjoni. Ir-riperkussjonijiet għall-ekonomija tal-Unjoni tal-aggressjoni tar-Russja jkunu saħansitra aktar severi jekk l-Ukrajna ma tkunx tista' tappoġġa l-isforzi fiskali neċessarji għat-tkomplija tal-isforz tal-gwerra tagħha. It-tieni, meta jitqies li l-Ukrajna hija kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni huwa investiment strateġiku fil-paċi, fis-sigurtà, fl-istabbiltà u fil-prosperità fl-Ewropa u jpoġġi lill-Unjoni f'pożizzjoni aħjar biex tindirizza l-isfidi globali filwaqt li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/792, b'mod partikolari permezz tar-riformi tal-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u t-tiżni tal-istituzzjonijiet demokratiċi, li huma elementi fundamentali ewlenin għall-adeżjoni.

It-tielet, l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-Ukrajna jibbenefika wkoll lis-suq intern u jipprovi aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Ukrajna, filwaqt li jappoġġa trasformazzjoni gradwali ta' dak il-pajjiż, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Ukrajna kif emendat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157<sup>7</sup>. Ir-raba', l-Unjoni qed tħabbat wiċċha ma' deterjorament qawwi fil-kuntest tas-sigurtà tagħha, marbut mhux biss mat-theddida persistenti tar-Russja u l-bidla intensifikata tagħha lejn ekonomija ta' żmien il-gwerra u mal-evoluzzjoni tal-gwerra fl-Ukrajna, iżda wkoll ma' inċertezzi li jirriżultaw mill-miġja ta' sitwazzjoni ġeopolitika li fiha l-Unjoni trid iżżid l-isforzi tagħha b'mod sinifikanti biex tiżgura d-difiża tagħha b'mod awtonomu. F'dak il-kuntest, l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-Ukrajna jappoġġa objettivi li huma ta' benefiċċju għat-tiżiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, fil-kuntest ta' strumenti u programmi tal-Unjoni li jipromwovu l-kooperazzjoni industrijali tad-difiża mal-Ukrajna, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106<sup>8</sup> u r-Regolament (UE) 202.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea<sup>9+</sup>.

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157 tas-17 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2025/2157, 27.10.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2025/2157/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2157/oj)).

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tiżiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, p.39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 202.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("ir-Regolament EDIP") (ĠU L, ..., ELI:....).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test is-sena u n-numru tas-serje tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE CONS 52/25 REV1 (2024/0061 (COD)) u daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti s-sena, in-numru tas-serje, id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni għal dak ir-Regolament.

- (13) Il-kooperazzjoni msaħħa awtorizzata b'din id-Deċiżjoni, tikkonforma mat-Trattati u mad-dritt tal-Unjoni u għandha tiġi organizzata b'mod li ma jdgħajjifx is-suq intern jew il-koeżjoni ekonomika, soċjali jew territorjali. Jenħtieġ li ma tikkostitwixxix ostaklu għall-kummerċ jew diskriminazzjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri jew twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejniethom.
- (14) L-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni msaħħa awtorizzata b'din id-Deċiżjoni teħtieġ infig, apparti l-kostijiet amministrattivi għall-istituzzjonijiet u obbligazzjonijiet kontinġenti marbuta mal-assistenza finanzjarja mogħtija permezz tas-Self għall-Ukrajna li għandhom jiġu ggarantiti lil hinn mil-limitu massimu tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-assistenza finanzjarja.
- (15) Il-kooperazzjoni msaħħa awtorizzata b'din id-Deċiżjoni hija li tirrispetta l-kompetenzi, id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri mhux parteċipanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri mhux parteċipanti ma jikkontribwixxux għall-finanzjament tan-nefqa tal-kooperazzjoni msaħħa jew għall-kopertura tal-garanzija għall-obbligazzjonijiet kontinġenti marbuta mas-Self għall-Ukrajna. Għalhekk, l-Istati Membri mhux parteċipanti jenħtieġ li jkunu intitolati għal aġġustament f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014<sup>10</sup>. Dak l-aġġustament jenħtieġ li jkopri n-nefqa marbuta mal-kooperazzjoni msaħħa awtorizzata b'din id-Deċiżjoni u kwalunkwe sejħa fuq il-garanzija għal obbligazzjonijiet kontinġenti marbuta mas-Self għall-Ukrajna.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/609/oj>).

- (16) Il-kooperazzjoni msaħħa awtorizzata b'din id-Deċiżjoni hija miftuħa fi kwalunkwe ħin għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw fiha skont it-termini stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li kull Stat Membru li jkun għadu kif beda jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa, jikkontribwixxi għall-finanzjament tan-nefqa tal-kooperazzjoni msaħħa mid-data li fiha l-parteċipazzjoni ta' dak l-Istat Membru ssir effettiva skont l-Artikolu 331(1) tat-TFUE. Kwalunkwe Stat Membru parteċipanti ġdid jenħtieġ li jiżgura wkoll il-kopertura tal-garanzija għal obligazzjonijiet kontinġenti marbuta mal-appoġġ skont is-Self għall-Ukrajna li l-Unjoni tidħol fihom mill-bidu tal-kooperazzjoni msaħħa, fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' dak is-Self. Għal dak l-għan, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jikkontribwixxi, mid-data li fiha l-parteċipazzjoni tiegħu ssir effettiva skont l-Artikolu 331(1) tat-TFUE bis-sehem proporzjonat tiegħu għal kwalunkwe sejħa fuq il-garanzija għal obligazzjonijiet kontinġenti, inklużi sejħiet relatati ma' obligazzjonijiet kontinġenti li fihom daħlet l-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni msaħħa, qabel dik id-data,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Italja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja huma b'dan awtorizzati li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom dwar l-istabiliment ta' Self għall-Ukrajna skont it-termini deskritti f'din id-Deċiżjoni, billi japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---